

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/635

tat-30 ta' Marzu 2017

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(2)</sup>, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha, parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid xi subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Stephen QUEST*

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett fil-forma ta' stoċċ ċilindriku vojtt magħmul minn plastik ċar madwar 44 mm twil u ssiġillat b'tapp tal-plastik li jista' jitneħħa fit-tarf ta' isfel bħala tapp protettiv. Il-parti ta' fuq tal-istoċċ għandha forma simili ta' bokkin u għandha toqba żgħira li minnha jinġibed il-fwar.</p> <p>L-utent jimla l-istoċċ vojtt b'likwidu speċjali msejjaħ "e-likwidu" u l-istoċċ imbagħad jiddaħħal fis-sigarett elettroniku. L-istess stoċċ jista' jimtela mill-ġdid u jintuża mill-ġdid bejn 10 u għoxrin darba qabel ma jintrema bħala skart.</p> <p>Il-bokkin għandu l-funzjoni tal-filtru tas-sigaretti tat-tabakk konvenzjonali. Meta l-istoċċ jiddaħħal fis-sigarett elettroniku, l-utent ipoġġi t-tarf tal-bokkin f'ħalqu u jgħbed nifs. Dan jikkawża lill-atomizzatur fis-sigarett elettroniku biex jikkonverti fluss ħafif ta' duħħan li mbagħad jinħareġ mill-bokkin biex jidħol f'ħalq l-utent.</p> <p>Ara l-istampi (*)</p>	8543 90 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 2(s) tal-Kapitolu 39, in-nota 2(b) tat-Taqsima XVI u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8543 u 8543 90 00.</p> <p>L-utent ma jpoġġix is-sigarett elettroniku f'ħalqu mingħajr il-preżenza tal-bokkin u l-fluss tad-duħħan ma jinħariġx mingħajr ma jiġi attivat l-atomizzatur permezz tal-bokkin. Għalhekk, l-istoċċ bil-parti ta' fuq b'forma speċjali huwa parti essenzjali għall-funzjonament tas-sigarett elettroniku u mhux sempliċement kontenitur magħmul mill-plastik. Il-klassifikazzjoni fl-intestatura 3926 bħala oġġett tal-plastik għalhekk hija eskluża.</p> <p>Skont l-Opinjoni tal-Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata Nru 8543 70/5 sigarett elettroniku sħiħ irid jiġi kklassifikat bħala magna jew apparat elettriku ieħor taħt is-subintestatura 8543 70.</p> <p>Għalhekk l-istoċċ għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8543 90 00 bħala parti minn magni u apparat tal-elettriku oħrajn, b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor f'dak il-Kapitolu.</p>

(\*) L-istampi huma biss għal finijiet ta' informazzjoni.

